CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 2026.

ERU0907U26 – Medicinal
ERU0907U26A – Devices
ERU0907U26B – Devices
ERU0907U26C – Medicinal
ERU0907U26D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-14 ta' Lulju, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 15th July, 2026.

ERU0907U26 – Medicinal
ERU0907U26A – Devices
ERU0907U26B – Devices
ERU0907U26C – Medicinal
ERU0907U26D – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

14th July, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' Lulju, 2026.

ERU1007U26 – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-14 ta' Lulju, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 16th July, 2026.

ERU1007U26 – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

14th July, 2026

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1787

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' April, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Indis Malta Ltd vs Mediteranean Power Electric Company Limited, Rikors numru 95/2026CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Medterranean Power Electric Company Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 14th April, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Indis Malta Ltd vs Mediterranean Power Electric Company Limited, Application number 95/2026CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Mediterranean Power Electric Company Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Indis Malta Ltd (C28965) vs Mediterranean Power Electric Company Limited (C3762), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-11 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Indis Malta Ltd talbet bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jisma' din il-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna lis-soċjetà intimata sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dan l-istess Bord, tiżgombra mill-fabbrika MRA018B u MRA019B fil-Qasam Industrijali tal-Marsa u tirrilaxxa l-pussess liberu u battal tal-istess u tirritorna ċ-ċwievet a favur tas-soċjetà esponenti;

3. Tiddikjara illi s-soċjetà ntimata hija obbligata tħallas lis-soċjetà esponenti s-somma ta' €267,755.28 rappreżentanti l-kera jew korrispettiv dovut għall-użu u l-okkupazzjoni tal-fond de quo;

4. Jikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' €267,755.28 inkluż il-VAT flimkien mal-imgħax legali mid-data ta' meta kull rata saret dovuta sal-ħlas effettiv.

Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lis-soċjetà esponenti skont il-liġi għall-ħlas ta' korrispettiv sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Rikorrenti: Indis, Mosta Technopark, Triq Valletta, Il-Mosta

Intimata: Mediterranean Power Electric Company Limited, A18B, Industrial Estate, Il-Marsa MRS 3000, Malta

Ir-rikors fl-ismijiet Indis Malta Ltd vs Mediterranean Power Electric Company Limited, Rikors numru 95/2026CZ, jinsab differit għat-13 ta' Lulju, 2026, f'12.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Indis Malta Ltd (C28965) vs Mediterranean Power Electric Company Limited (C3762), filed in the Rent Regulation Board, on the 11th March, 2026, the applicant Indis Malta Ltd requested this Honourable Board so that:

1. Hear this cause according to the demand without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Orders the respondent company so that within a short and peremptory period fixed by this Board, it vacates the factory MRA018B and MRA019B at the Marsa Industrial estate and releases the free and vacant possession of the same and returns the keys in favour of the applicant company;

3. Declare that the respondent company is obliged to pay the applicant company the sum of €267,755.28 representing the rent due and for the use and occupation of the premises de quo;

4. Condemn the respondent to pay the sum of €267,755.28 including VAT together with legal interest from the date when each rate became due till the effective payment.

Saving any provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

With costs, against the respondent company who is from now summoned so that a reference to his oath be made and reserving any other action by the applicant company according to law for the rent payment or any other payment till the date of effective payment.

Applicant: Indis, Mosta Technopark, Triq Valletta, Mosta

Respondent: Mediterranean Power Electric Company Limited, A18B, Industrial Estate, Marsa MRS 3000, Malta

The application in the names Indis Malta Ltd vs Mediterranean Power Electric Company Limited, Application number 95/202CZ, has been postponed for hearing to the 13th July, 2026, at 12.00 p.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1788

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fil-15 ta' Ġunju, 2026, fuq talba ta' Eman Meli et ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Melroy Francis Fernandes et fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 117/2026AGV fl-ismijiet Eman Meli vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Eman Meli (KI 282983M) u Maria Marevic Morente Fernandes (KI 312278A) f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem tal-minuri … omissis … vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Melroy Francis Frenandes fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 117/2026AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fl-10 ta' Ġunju, 2026, fejn Eman Meli (KI 282983M) u Maria Merente Fernandes (KI 312278A) talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjuara li l-esponenti Eman Meli huwa l-missier natural u bijologiku tal-minuri … omissis …;

2. Tordna konsegwentement għas-surreferit kull korrezzjoni u annotazzjoni meħtieġa fl-Att tat-Twelid tal-istess minuri … omissis … bin-numru progressiv 3438 tas-sena 2026 sabiex hemmhekk ukoll l-esponenti Eman Meli jiġi rikonoxxut bħala missier naturali tal-istess … omissis … u kwindi inkluż ukoll li l-konnotati u/jew partikolaritajiet tal-intimat Melroy Francis Fernandes kif indikati fl-istess Att tat-Twelid jiġu sostitwiti b'dawk tal-esponenti Eman Meli;

3. Konsegwentement tordna u tawtorizza li l-minuri … omissis … jassumi u jżomm ai fini u effetti kollha tal-liġi l-kunjom natural tiegħu ossija Mjeli Morente;

4. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jeffettwa l-imsemmija korrezzjonijiet u annotazzjonijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat jew min minnhom inġunti in subizzjoni.

Rikorrent: c/o 25, Flat 13, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

By means of a decree given by this Court, on the 15th June, 2026, following a request of Eman Meli et it was ordered that deputy curators be chosen to represent absentee Melroy Francis Fernandes, in the records of the Sworn Application 117/2026AGV, in the names Eman Meli et vs Director of Public Registry and deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application in the names Eman Meli (ID 282983M) and Maria Marevic Morente Fernandes (ID 312278A) in her own name and as curator ad litem for the minor … omissis … vs Director Public Registry and deputy curators to represent the absentee Melroy Francis Fernandes, in the records of the Sworn Application bearing reference 117/2026AGV, filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th June 2026, the applicants Eman Meli (ID 282983M) and Maria Marevic Morente Fernandes (ID 312278A) requested this Honourable Court so that:

1. Declares that the applicant Eman Meli is the natural and biological father of the minor … omissis …;

2. Consequently orders for the above-mentioned any necessary corrections and annotations in the Birth Certificate of the same minor … omissis … with the progressive number 3438 of the year 2026 so that there also the applicant Eman Meli is recognised as the natural father of the same … omissis … and thus also including that the connotations and/or particularities of the respondent Melroy Francis Fernandes as indicated in the same Birth Certificate are replaced by those of the applicant Eman Meli.

3. Consequently orders and authorises that the minor … omissis … assumes and retains for all purposes and effects of the law his natural surname namely Meli Morente;

4. Consequently orders the Director of the Public Registry to effect he said correction and annotations.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant: c/o 25, Flat 13, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, BA, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 19 ta' April, 2026

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 9 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, BA, LLD, Doctor of Laws.

Today 19th June, 2026

Registry of the Civil Court (Family Section), today 9th July 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1789

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fil-5 ta' Mejju, 2025, fuq talba ta' Connie (Maria Concetta) Attanda ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Murphy Ishola Attanda fl-atti ta' Rikors numru 206/2026CSZ fl-ismijiet Connie (Maria Concetta) Attanda vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet Connie (Maria Concetta) Attanda (KI 133175M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Murphy Ishola Attanda fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 206/2026CSZ, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-30 ta' April, 2026, fejn Connie (Maria Concetta) Attanda (KI 857046M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna n-notifika tad-divorzju lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi żmien stipulat mill-istess Qorti sabiex jiġi debitament irregistrat skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrent: 131, Evy, Flt 1, Triq Bir ir-Riebu, Ir-Rabat (Malta)

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 5th May, 2025, following a request of Connie (Maria Concetta) Attanda it was ordered that deputy curators be chosen to represent Murphy Ishola Attanda, in the records of the Application 206/2026CSZ, in the names Connie (Maria Concetta) Attanda vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application in the names Connie (Maria Concetta) Attanda (ID 133175M) vs Deputy Curators to represent Murphy Ishola Attanda, in the records of the Sworn Application bearing reference 206/2026CSZ, filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th April, 2026, the applicant Connie (Maria Concetta) Attanda requested this Honourable Court so that:

1. Declare and pronounce the divorce between the parties and orders the notification of the divorce to the Director Public Registry within the time stipulated by the same Court so that it will be duly registered according to law.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 131, Evy, Flt 1, Triq Bir ir-Riebu, Rabat (Malta)

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this

ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, BA, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Mejju, 2026

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 9 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, BA, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th May, 2026

Registry of the Civil Court (Family Section), today 9th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1790

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Ġunju, 2026, Rikors numru 572/2026, minn Dott. Rebecca-Marie Attard Muscat, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Rose Muscat, armla tad-decujus inkwantu għall-użu u l-użufrutt tal-assi kollha tiegħu, kif ukoll il-piena proprjetà tal-kwart (1/4) indiviż tal-assi kollha tiegħu u favur Dott. Rebecca-Marie Attard Muscat, bint id-decujus għas-sehem tar-rimanenti tliet kwarti (3/4) indiviż tal-assi kollha tad-decujus is-suċċessjoni ta' Anthony sive Tony Muscat, żewġ Rose Muscat, bin il-mejtin Joseph Muscat u Ludgarda née Zammit, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti n-Naxxar, Malta, u miet Parma, l-Italja, fis-27 ta' April, 2026, ta' 68 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0017159M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 9 ta' Lulju, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 19th June, 2026, Application number 572/2026 by Dr Rebecca-Marie Attard, whereby she requested that the succession of Anthony sive Tony Muscat, husband of Rose Muscat, son of the late Joseph Muscat and Ludgarda née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Naxxar, Malta and died in Parma, Italy on the 27th April, 2026, aged 68, and who held identity card number 0017159M, be opened in favour of Rose Muscat, widow of the deceased with respect to the use and usufruct of all his assets and also the full ownership of the one fourth (1/4) undivided share of all his assets and also in favour of Dr Rebecca-Marie Attard Muscat, daughter of the deceased with respect to the remaining three quarters (3/4) undivided share of all the assets of the deceased.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 9th July, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunal

1791

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Ġunju, 2026, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

a) Il-flat internament immarkat bin-numru sitta (6), fit-tieni sular formanti parti minn blokk ta' ħames flats bin-numru ħamsa u tletin (35) fi Triq San Federiku, il-Belt Valletta, inkluż sehem minn sittax (1/16) indiviż tal-partijiet komuni tal-imsemmi blokk inkluż l-entrata, l-indana, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ u l-bejt, bid-dritt ta' servitù a favur terzi, mill-bqija liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Marco Burlò datat id-disgħa ta' Marzu tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (9.3.1999) stmat li jiswa tliet mija u ħamsa u għoxrin elf ewro (€325,000);

u

b) Id-dar bin-numru disgħa u sittin (69) bl-isem 'Arzella' fi Triq l-Għakrux, ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, mibnija fuq żewġ sulari u bl-arja tagħha u suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlieta u ħamsin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€53.58) kif deskritt fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba datat l-erbgħa ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (4.8.1983) u bil-ġustijiet drittijiet u pertinenzi kollha tagħha kif suġġett għall-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-att tal-akkwist fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat it-tielet ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (3.7.2012). L-imsemmija proprjetà tgawdi u hi suġġetta għas-servitujiet attivi u passivi naxxenti mill-qagħda tagħha u stmata li tiswa ħames mija u ħamsa u tmenin elf ewro (€585,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Dott. Ivan Grixti (KI 93967M) u Carmen Grixti (KI 314767M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 45/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 22nd June, 2026, on the application of Bank of Valletta plc C2833, Thursday, 8th October, 2026, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

a) The flat internally marked by number six (6), on the second floor forming part of a block of five flats numbered thirty five (35) in Triq San Federiku, Belt Valletta including a sixteenth (1/16) undivided share of the common parts of the said block including the entrance, landings, stairs and stairwell, and the roof, with the right of servitudes in favour of third parties, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and this as described in the acts of Notary Marco Burlò dated ninth of March of the year one thousand nine hundred and ninety nine (9.3.1999) valued at three hundred and twenty five thousand euro (€325,000);

and

b) The house numbered ninety six (69) named 'Arzella' in Triq l-Għakrux, ix-Xagħjra, Ħaż-Żabbar, built on two floors and its airspace and subject to annual and perpetual ground rent of fifty three euro and fifty eight cents (€53.58) as described in the acts of Notary Jeanette Laferla Saliba dated the fourth of August of the year one thousand nine hundred and eighty-three (4.8.1983) and with all its rights and appurtenances as subject to all the conditions mentioned in the deed of acquisition in the acts of Notary Joseph Tabone dated the third of July on the year two thousand and twelve (3.7.2012). The said property enjoys and is subject to active and passive servitudes resulting from its position and valued at five hundred and eighty five thousand euro (€585,000).

The said tenement is the property of Dr Ivan Grixti (ID 93967M) and Carmen Grixti (ID 314767M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 45/2023.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 6th July, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1792

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-22 ta' April, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 121/2026RM, fl-ismijiet: Romario Grech vs Charlene Marie Vizzini, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd April, 2026, in the records of the Sworn application number 121/2026RM, in the names: Romario Grech vs Charlene Marie Vizzini, the following publication

Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Romario Grech (0187396M) vs Charlene Marie Vizzini (409584M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Frar, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li fil-fond Nru 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard, kienu jeżistu difetti latenti fil-mument tal-bejgħ;

2. Tiddikjara li l-intimata kienet taf li l-fond huwa kolpit minn difetti u għażlet li taħbihom mir-rikorrent qabel il-bejgħ;

3. Tiddikjara maħlul il-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Annalise Micallef, datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu, elfejn ħamsa u għoxrin (2025);

4. Tordna sussegwentement lill-intimata trodd lir-rikorrent il-prezz imħallas minnu fuq l-imsemmi kuntratt;

5. Tillikwida d-danni rinfaċċati mir-rikorrent minħabba d-difetti latenti inkwistjoni;

6. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 121/2026RM fl-ismijiet hawn fuq huwa differit għat-8 ta' Ottubru, 2026, fid-9.45 a.m.

Notifika: Charlene Marie Vizzini, 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Romario Grech (0187396M) vs Charlene Marie Vizzini (409584M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 13th February, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare that in the premises No 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard there existed latent defects at the moment of sale;

2. Declare that the respondent knew that the premises is damaged by defects and chose to conceal them from the applicant before the sale;

3. Declare the contract of sale in the records of Notary Dr Annalise Micallef, dated twenty-fifth (25) of March, two thousand twenty-five (2025) dissolved;

4. Subsequently order the respondent to refund the applicant the price paid by him on the said contract;

5. Liquidate the damages suffered by the applicant due to the latent defects in question;

6. Condemn the respondent to pay the applicant the damages so liquidated.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 121/2026RM in the names above is postponed to the 8th October, 2026, at 9.45 a.m.

Notification: Charlene Marie Vizzini, 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1793

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjoniali), fit-2 ta' Marzu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 14/2026DC, fl-ismijiet: Dolores Grech Zammit vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dolores Grech Zammit (799149M) vs l-Avukat tal-Istat u Joseph Debono

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 2nd March, 2026, in the records of the Sworn application 14/2026DC, in the names: Dolores Grech Zammit vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dolores Grech Zammit (799149M) vs the State Advocate and Joseph

(0487057M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti su esposti jikkonstitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

2. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-fond Joe's Holiday Services, Triq iċ-Ċern, Buġibba, San Pawl il-Baħar, a favur tal-intimat u d-dispożizzjonijiet tal-liġi imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tiddeċiedi illi r-rikorrenti mhijiex obbligata ġġedded il-kirja tal-fond hawn fuq msemmi lill-intimat Joseph Debono u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti hija intitolata tirriprendi l-pussess sħiħ tal-istess fond;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, hekk kif ma ġiex kkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti;

6. Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 14/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2026, fid-9.15 a.m.

Notifika: Joseph Debono, Geranium, Triq il-Wileġ, Buġibba, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Debono (0487057M) filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 13th January, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the above facts constitute an infringement of the applicant's fundamental rights;

2. Consequently, declare and decide that the premises Joe's holiday services, Triq iċ-Ċern, Buġibba, St Paul's Bay in favour of the respondent and the provisions of law violate fundamental human rights;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give those directives that it deems fit to ensure the fulfilment of the fundamental rights of the applicant and decide that the applicant is not obliged to renew the lease of the premises above mentioned to the respondent Joseph Debono and declare thus that the applicant is entitled to take back the full possession of the same premises;

4. Declare and decide that the respondents or either of whom are responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicants as a consequence of the violation of the fundamental rights of the applicants, as a fair balance was not created between the rights of the owner and those of the lessees;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant;

6. Condemn the respondent to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated, with legal interest of 8% per annum from the date of filing of the present cause till the date of effective payment.

With all costs and the respondents are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 14/2026DC in the names mentioned above is deferred to the 28th September, 2026, at 9.15 a.m.

Notification: Joseph Debono – Geranium, Wileġ Street, Buġibba, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1794

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Frar, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 997/2025JVC, fl-ismijiet: Anthony Mizzi et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd February, 2026, in the records of Sworn application number 997/2025JVC, in the names: Anthony Mizzi et vs Director Public Registry et the following

a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Mizzi (591859M) et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-aħħar testment tad-defunta Carmela Mizzi datat 12 ta' Settembru, 2022, fl-atti tan-nutar Joseph Lia huwa null ab initio qua invalidu u dan ai termini tal-Artikolu 525 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-defunta Carmela Mizzi kienet inabilitata permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja datat is-7 ta' Diċembru, 2017;

2. Tħassar, tannulla u tikkanċella mil-lista tal-enrolment fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku l-aħħar testment datat 12 ta' Settembru, 2022, fl-atti tan-nutar Joseph Lia;

3. Tordna illi kwalunkwe att pubbliku li jagħmel referenza għal tali testament huwa invalidu u għandu jitneħħa mill-lista tal-enrolments fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku u minn kull reġistru pubbliku ieħor.

4. Tiddeċiedi u tawtorizza li l-apertura tas-suċċessjoni tad-defunta Carmela Mizzi għandha ssir a tenur tal-ewwel testment tagħha datat 12 ta' Settembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u konsegwentement Tordna lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kull awtorità oħra kompetenti, sabiex jagħmlu dawk il-korrezzjonijiet kollha neċessarji sabiex l-apertura tas-suċċessjoni issir a tenur tat-testment datat 12 ta' Settembru 2016 l-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna;

5. Tordna lin-Nutara Dott. Sarah Scerri, jew nutar ieħor maħtur minn din l-istess Qorti, sabiex tagħmel l-apertura tas-suċċessjoni a tenur tat-testment datat 12 ta' Settembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna; u

6. Tagħti kull ordni jew provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi odjerni.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra ġudizzjarja numru 974/2025 datata 3 ta' Marzu, 2025, kontra l- intimati li minn issa huma inġunti għas-sedizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 997/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Lulju, 2026, fil-11.20 a.m.

Notifika Intimat: In-Nutar Dott. Joseph Lia, 18, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Mizzi (591859M) et vs Director Public Registry et filed in the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the last will of the late Carmela Mizzi dated 12th September, 2022, in the records of Notary Joseph Lia is null ab initio qua invalid and this in terms of Article 525 of Cap. 12 of the Laws of Malta since the late Carmela Mizzi was incapacitated by means of a decree of the Court of Voluntary jurisdiction dated 7th December, 2017;

2. Erase, annul and cancel from the list of enrolment within the Public Registry the last will dated 12th September, 2022, in the acts of Notary Joseph Lia;

3. Order that any public deed making reference to such will is invalid and shall be removed from the list of enrolments within the Public Registry and from any other public registry.

4. Decide and authorise that the opening of the succession of the deceased Carmela Mizzi be made in terms of her first will dated 12th September, 2016, in the records of Notary Anne Marie Tonna, and consequently order the Registrar, Civil Courts and Tribunals and the Director of Public Registry and any other competent authority, to make all those necessary corrections so that the opening of the succession is made in terms of the will dated 12th September 2016 1 - records of Notary Anne Marie Tonna;

5. Order Notary Dr Sarah Scerri, or another notary appointed by this same Court, to make the opening of the succession in terms of the will dated 12th September, 2016, in the records of Notary Anne Marie Tonna; and

6. Give any other order or provision it deems fit and opportune in the present circumstances.

With costs, including judicial letter number 974/2025 dated 3rd March, 2025, against the respondents who are from now summoned for sedition.

The Sworn application number 997/2025JVC in the names mentioned above is postponed for hearing to the 15th July, 2026, at 11.20 a.m.

Notification respondent: Notary Dr Joseph Lia, 18, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1795

ARB/C017/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Edwina Grima, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI, accountant, ta' 51 sena, iben Joseph Cini u Josephine Cini xebba Grima, imwieled San Ġiljan, Malta, fil-15 ta' Marzu, 1975, residenti fi 2A, 'Hill Valley', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 136975M.

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil KARL CINI sabiex iħallas l-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u wieħed u erbgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€5,641.33) lis-soċjetà Muscat Motors. It-tali ammont għandu jitħallas mill-kont bankarju intestat f'isem KARL CINI, li jispiċċa bin-numru -0018 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

